

32002D0908

L 313/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

16.11.2002

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Novembru 2002

li temenda Deċiżjoni 93/402/KEE fejn tidħol l-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Brażil

(notifikat f'dokument numru K(2002) 4493)

(Kitba b'relevanza ŻEE)

(2002/908/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li qieset il-Ftehim li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li qieset Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tispjefika l-prinċipji li jiggvernaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji dwar prodotti li jidħlu fil-Komunità minn terzi pajjiżi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tiegħu,

Wara li qieset id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972, dwar problemi ta' spezzjonijiet ta' saħħa u veterinarji dwar l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u ħnieżer, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn terzi pajjiżi <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat minn Regolament (KE) Nru 1452/2001 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/402/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1993 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-pajjiżi ta' l-Amerika ta' isfel <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendata minn Deċiżjoni 2002 793/KE <sup>(5)</sup>, tapplika għall-Arġentina, Brażil, Ċili, Kolombja, Paragwaj u Urugwaj.
- (2) Il-Kummissjoni ġiet infurmata mill-awtoritajiet veterinarji tal-Paragwaj fi tfaqqiegħ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer il-barra miż-żona permessa għal esportazzjoni lejn l-UE pero viċin tal-fruntiera mal-Brażil.
- (3) Iż-żona ta' sorveljanza tat-tfaqqiegħ taffetwa parti mit-territorju tal-Brażil.
- (4) L-awtoritajiet veterinarji tal-Brażil poġġew mill-ewwel fis-seħħ miżuri biex tkun evitata l-firxa tal-marda fit-territorju Brażiljan, b'mod speċjali bil-provvediment ta' vaċċinazzjoni ta' u kontrolli tal-moviment ta' annimali fis-16-il muniċipalita ta' mal-fruntiera.
- (5) Fid-dawl tar-riskju potenzjali ta' mard fiż-żona ta' furntiera, u ta' l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti tal-Brażil, l-immportazzjoni ta' laħam bovin mingħajr għadam u matur fl-UE biss mill-muniċipalita konċernata għandha tkun sospiża fuq bażi

reġjonali. Pero, konsenji magħmula qabel il-31 ta' Ottubtu 2002 għandhom ikunu awtorizzati xorta waħda.

- (6) Deċiżjoni 93/402/KEE għandha għal daqst tant tkun emendata skond il-bżonn.
- (7) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Deċiżjoni 93/402/KEE emendata kif ġej:

1. L-Anness I mibdul mill-kitba f'L-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
2. L-Anness II mibdul mill-kitba f'L-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw lejn oġġetti importati sabiex ikunu konformi ma din id-Deċiżjoni u għandhom jagħtu publicita immedjata u xierqa lejn il-miżuri li għandhom ikunu addottati. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun iċċekjata fi żmien xahrejn.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni indirizzata lejn l-Istati Membri.

Magħmul Brussel, fil-15 ta' Novembru 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, tal-31.1.1998, p. 9.<sup>(2)</sup> ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.<sup>(3)</sup> ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 11.<sup>(4)</sup> ĠU L 179, tat-22.7.1993, p. 11.<sup>(5)</sup> ĠU L 276, tat-12.10.2002, p. 62.

## ANNEX I

## "ANNEX I

## Deskrizzjoni tat-Territorji ta' l-Amerika ta' Isfel imwaqfa sabiex issir ċertifikazzjoni dwar is-saħħa ta' l-annimali

Pajjiż	Territorju		Deskrizzjoni tat-Territorju
	Kodiċi	Verżjoni	
Arġentina	AR	01/2001	Pajjiż sħiħ
	AR-1	04/2002	Il-provinċji ta' Buenos Aires, Catamarca, Chaco, Cordoba, Corrientes, Entre Rios, Formosa, Jujuy, La Pampa, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, Salta, San Juan, San Luis, Santa Fe, Santiago del Estero, u Tucuman.
	AR-3	01/2002	Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego
Brażil	BR	01/93	Pajjiż sħiħ
	BR-1	02/2001	L-Istati ta' Rio Grande do Sul; Parana, Minas Gerais (minn barra delegazzjonijiet reġjonali ta' Oliveira, Passos, Sao Gonçalo de Sapucaí, Setelagoas and Bambuí), Sao Paulo, Espirito Santo, Mato Grosso do Sul (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Sete Quedas, Sonora, Aquidauana, Bodoquena, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinbo, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso u Corumba), Santa Catarina Goias u l-unitajiet reġjonali ta' Cuiaba (minbarra l-muniċipalitajiet ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone u Barro de Melgaço), Caceres (minbarra l-muniċipalita ta' Caceres) Lucas do Rio Verde, Rondonopolis (minbarra l-muniċipalita ta' Itiquiora), Barra do Garças u Barra do Bugres f'Mato Grosso
	BR-2	01/2002	Mato Grosso do Sul muniċipalita ta' Sete Quedas
Ċile	CL	01/93	Pajjiż sħiħ
Kolombja	CO	01/93	Pajjiż sħiħ
	CO-1	01/93	Iż-żona inkluża fil-fruntieri li ġejjin: mill-punt fejn ix-xmara Murri tmur lejn ix-xmara Atrato, l-isfel mal-ġenb tax-xmara Atrato sa fejn tiżboq fl-Oċean Atlantiku, minn dan il-punt lejn il-fruntiera mal-Panama li timxi mal-kosta Atlantika sa Cabo Tiburon; minn dan il-punt għal oċean Paċifiku billi timxi mal-fruntiera bejn il-Kolombja u l-Panama: minn dan il-punt tax-Xmara Valle mal-kosta Paċifika u minn dan il-punt linja dritta sal-punt fejn ix-xmara Murri tiżboq fix-Xmara Atrato.
	CO-2	01/93	Il-muniċipalitajiet ta' Arboletas, Necocli, San Pedro de Uraba, Turbo, Apartado, Chigorodo, Mutata, Dabeiba, Uramita, Murindo, Riosucio (ix-xatt tal-lemin tax-xmara Atrato) u Frontino.
	CO-3	01/93	Iż-żona inkluża fil-fruntieri li ġejjin: minn ħaq ix-xmara Sinu sa' l-Oċean Atlantiku, il'fuq max-xmara Sinu sal-bidu tagħha f'Alto Paramillo, minn dan il-punt lejn Puerto Rey fl-Oċean Atlantiku, mal-fruntiera bejn id-Dipartiment ta' Antigua u Kordoba, u minn dan il-punt lejn ħaq ix-xmara Sinu matul il-kosta Atlantika.
Paragwaj	PY	01/93	Pajjiż sħiħ
	PY-1	01/02	Chaco central u San Pedro
Uruguay	UY	01/2001	Pajjiż sħiħ"

## ANNEX II

## "ANNEX II

Garanzji dwar is-saħħa ta' l-annimali mitluba fuq iċ-ċertifikati <sup>(1)</sup>

Pajjiż	Territorju	Ċertifikat mudel għal laħam frisk minbarra l-intern				Ċertifikat mudell għall-intern								
		Speċi				ta' annimali bovini					ta' ovini		soliped	
		Bovin	Ovin-Kaprin	Ħnieżer	Soliped	HC	MP				PF	KU		PF
							1	2	3	4				
Arġentina	AR	-	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
	AR-1	A <sup>(4)</sup>	-	-	D	-	-	-	-	-	F <sup>(5)</sup>	-	-	D
	AR-3	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	-	D	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	B <sup>(6)</sup>	D
Brażil	BR	-	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
	BR-1	A <sup>(3)</sup>	-	-	D	-	-	-	-	-	F <sup>(3)</sup>	-	-	D
	BR-2	A <sup>(8)</sup>	-	-	D	-	-	-	-	-	F <sup>(9)</sup>	-	-	D
Ċile	CL	B	B	H	D	B	B	B	B	B	B	B	B	D
Kolombja	CO	-	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
	CO-1	A	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
	CO-2	-	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
	CO-3	A	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
Paragwaj	PY	-	-	-	D	-	-	-	-	-	-	-	-	D
	PY-1	A <sup>(7)</sup>	-	-	D	-	-	-	-	-	F	-	-	D
Urugwaj	UY	A <sup>(2)</sup>	C <sup>(2)</sup>	-	D	-	-	-	-	-	F	-	G	D

(1) L-ittra (A, B, C, D, E, F, G, u H) li tidher fit-tabellun, tiffreferi għal mudelli ta' garanziji ta' saħħa ta' l-annimali kif deskritti f'Parti 2 ta' Anness III, li għandhom ikunu applikati għal kull prodott w oriġini skond Artikolu 2. Linja (-) tindika li importazzjoni mhux permessi.

KU:: Konsum Uman.

MP:: Destinati għall-industrija tal-laħam trattati bis-sħana:

1 = = qlub.

2 = = fwied.

3 = = muskoli masseter.

4 = = ilsna

PF:: Destinati għall-industrija ta' l-ikel għall-annimal domestiċi.

(2) Għall-użu biss għal laħam mingħajr għadam minn annimali maqtula qabel l-1 ta' Novembru 2001.

(3) Fil-każ tar-Rio Grande do Sul jintuża biss għal laħam mingħajr għadam minn annimali bovini w intern għal ikel ta' annimali domestiċi maqtula qabel it-30 ta' Novembru 2001.

(4) Għall-użu biss għal laħam mingħajr għadam minn annimali maqtula qabel il-31 ta' Jannar 2002 – barra f'każijiet ta' La Pampa u Santiago del Estero li għalihom id-data tat-8 ta' Marzu 2002 u ta' Kordoba li għalihom id-data hi s-26 ta' Marzu 2002.

(5) Għall-użu biss għall-intern għal laħam għall-annimali domestiċi minn annimali bovini maqtula war a l-31 ta' Jannar 2002 barra fil-każijiet ta' La Pampa u Santiago del Estero li għalihom id-data hi t-8 ta' Marzu 2002 u ta' Kordoba li għalihom id-data hi s-26 ta' Marzu 2002.

(6) Għall-użu biss għal laħam frisk (inkluż l-interni) minn annimali ovini, kaprini u bovini maqtula wara l-1 ta' Marzu 2002 fil-provinċji ta' Chubut, Santa Cruz, u Tierra del Fuego.

(7) Għall-użu biss għal laħam mingħajr għadam minn annimali bovini wara l-1 ta' Settembru 2002.

(8) Għall-użu biss għal laħam mingħajr għadam minn annimali bovini maqtula qabel il-31 ta' Ottubru 2002.

(9) Għall-użu biss għall-intern għal ikel ta' annimali domestiċi minn annimai bovini maqtula qabel il-31 ta' Ottubru 2002."